MALTA

# QORTI KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2008

Numru 9999/2008

**Il-Pulizja**
**(Spettur Graziella Muscat)**

**v.**

**Mark Lorry Said**
**Peter Paul Said**
**Josef Said u**
**Peter Paul Debono**

Illum, 2 ta’ Ottubru 2008

**Il-Qorti:**

Regghet rat ir-rikors ta’ L-Avukat Generali tad-29 ta’ Settembru 2008 li permezz tieghu huwa talab, fit-termini ta’ l-Artikolu 575(4A) tal-Kodici Kriminali, li din il-Qorti tirrevoka d-digriet u l-ordni tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti Istruttorja tat-23 ta’ Settembru 2008 li permezz tieghu l-erba’ mputati nghataw il-helsien mill-arrest preventiv taht certi kundizzjonijiet;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-lum;

Semghet ukoll bil-gurament kemm lill-Ispettur tal-Pulizija Graziella Muscat kif ukoll lil omm l-allegata vittma f’dan il-kaz;

Ezaminat bir-reqqa l-attijiet tal-kumpilazzjoni, limitatament pero` ghall-finijiet tat-talba odjerna;

Hadet in konsiderazzjoni c-cirkjostanzi kollha tal-kaz;

Tosserva illi l-ahwa Peter Paul Said u Josef Said jinsabu akkuzati bl-istupru vjolenti ta’ tfalja ta’ appena erbatax-il sena, bil-korruzzjoni taghha, kif ukoll bl-arrest illegali taghha (oltre reati ohra konnessi ma’, jew komprizi u involuti fi, dawn ir-reati), filwaqt li z-zewg imputati l-ohra huma akkuzati bil-korruzzjoni ta’ l-imsemmija tfajla, li ppartecipaw f’attivitajiet sesswali maghha u li offendew il-pudur jew il-morali b’eghmil li sar f’post pubbliku. Meta tressqu l-qorti taht arrest fit-18 ta’ Settembru 2008, il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) cahdet it-talba ghall-ghoti tal-helsien mill-arrest u, fost ir-ragunijiet li tat, qalet hekk:

**“Minn dak li fehmet din il-Qorti dan il-kaz hu sensittiv hafna aktar u aktar f’kommunita` zghira kif inhi Ghawdex. Il-Qorti hi tal-fehma li r-ragunijiet li semmiet il-prosekuzzjoni kontra l-ghoti tal-helsien mill-arrest huma flokhom. Inoltre l-Qorti mhix sodisfatta, mehud ukoll in konsiderazzjoni li l-vittma ghadha ta’ eta` hekk zghira u tidher ukoll vulnerabbli, li m’hemmx perikolu li f’dana l-istadju jekk jigu mehlusa mill-arrest l-imputati ma jinterferixxux max-xhud principali tal-prosekuzzjoni jew b’xi mod iehor jintralcjaw il-kors tal-gustizzja.”**

Il-kawza thalliet ghas-smigh tal-provi ghat-23 ta’ Settembru 2008. F’din l-ahhar data iddeponew xi xhieda, izda meta giet biex tiddeponi l-vittma, din ma setghetx tkompli tixhed, jew ahjar ittemm id-deposizzjoni taghha u jsirilha l-kontro-ezami, minhabba problema fis-sistema tal-*video conferencing*. Qabel ma l-Qorti – issa presjeduta

minn Magistrat differenti minn dak tat-18 ta' Settembru 2008 – iddifferiet ghal gurnata ohra, hija akkordat il-helsien mill-arrest lill-erba' imputati taht diversi kundizzjonijiet, fosthom dik hekk imsejha ta' "house arrest";

Dak li din il-Qorti – il-Qorti Kriminali – hi issa msejha biex tiddeciedi in vista tar-rikors ta' l-Avukat Generali huwa jekk fil-ghoti ta' dak il-helsien mill-arrest l-ewwel qorti agixxietx b'mod manifestament zbaljat, u dan jew minhabba l-fatt li effettivament akkordat dak il-helsien mill-arrest, jew minhabba l-fatt li l-kundizzjonijiet ma kienux tali li jiggaraxtixxu l-integrita` tal-proceduri;

Din il-Qorti ma tistax ma tosservax li f'dan il-kaz jidher li saru hafna maniggi minn min kellu interess biex il-kaz ma jasalx il-qorti. Jidher li, qabel ma l-imputati tressqu l-qorti, anke ghaddew xi flus biex ikun hemm rinunzja tal-kwerela (fil-konfront ta' l-akkuzati bil-kunjom Said). Din il-Qorti mhix imsejha biex tiddeciedi dwar il-legalita` o meno ta' dak li sar f'dan ir-rigward jew ta' jekk minn kien involut f'dawn it-trattattivi, inkluzi xi avukati, agixxewx korretement jew le. Dak li din il-Qorti hi msejha biex tiddeciedi huwa biss jekk kellux jinghata l-helsien mill-arrest fit-23 ta' Settembru 2008 jew jekk il-kundizzjonijiet imposti fid-digriet relattiv kienux, kif inghad, tali li, fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, jiggarantixxu l-integrita` tal-proceduri, fis-sens li jigi assigurat li ma jkunx hemm intralc mar-retta amministrazzjoni tal-gustizzja b'xi wiehed jew aktar mill-modi msemmija fil-paragrafi (a) sa (e) tas-subartikolu (1) ta' l-Artikolu 575 tal-Kodici Kriminali;

Din il-Qorti, wara li hasbet fit-tul, hi tal-fehma li ma jistax jinghad li l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) kienet manifestament zbaljata meta akkordat il-helsien mill-arrest lill-erba' imputati fit-23 ta' Settembru 2008. Dak li din il-Qorti tara li kien manifestament zbaljat kien l-ammont tal-garanzija imposta fuq kull wiehed mill-erba' imputati, u bla distinzjoni bejniethom, ta' depozitu ta' Euro 1,500 u garanzija personali ta' Euro 10,000. Tenut kont tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz, inkluza c-cirkostanzi msemmija fid-digriet ta' dik l-istess Qorti tat-18 ta'

Settembru 2008 (hawn aktar ‘l fuq in parti riportat), ma jista’ b’ebda mod jinghad li l-ammont tal-garanzija, kif ukoll xi kundizzjonijiet ohra msemmija fid-digriet, huma adegwati. Fi kliem iehor, hemm lok li jkun hemm kundizzjonijiet aktar iebsin ghall-helsien mill-arrest, u huwa f’dan is-sens biss li din il-Qorti qed tilqa’ t-talba ta’ l-Avukat Generali.

Ghall-motivi premessi din il-Qorti thassar u rirrevoka d-digriet tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tat-23 ta’ Settembru 2008 – kif riportat minn fol. 105 sa 111 tal-attijiet ta’ l-istruttorja – fil-konfront tal-erba imputati, intimati f’dawn il-proceduri, u minflok takkorda l-helsien mill-arrest taht is-segwenti kundizzjonijiet:

**fil-konfront ta’ <u>Mark Lorry Said</u>:**

**i. li l-imsemmi Mark Lorry Said jidher u joqghod ghal kull ordni ta' din il-Qorti jew ta' kwalsiasi Qorti ohra li quddiemha jkun jinsab il-process jew xi kwistjoni li tohrog mill-process jew li hi marbuta mieghu;**

**ii. li ma jikkomunikax jew jipprova jikkomunika b'ebda mod, la direttament u anqas indirettament jew tramite terzi, u anqas bit-telefon jew b’xi mezz iehor, max-xhieda tal-prosekuzzjoni jew ma’ membri tal-familja tal-allegata vittma f’dan il-kaz;**

**iii. li jirrisjedi fl-indirizz minnu moghti fl-interrogatorju fil-bidu ta’ l-Istruttorja u cioe` 44, Triq id-Duluri, Zebbug, Ghawdex, u li ma johrogx minn din ir-residenza hlief biex jattendi l-Qorti jew ghal ragunijiet medici – fil-kaz ta’ ragunijiet medici huwa ghandu dejjem, qabel ma johrog, jinforma lill-Ispettur Graziella Muscat jew ufficjal iehor tal-pulizija li ma jkunx ta’ grad anqas minn Spettur, fejn ikun sejjer u kemm ikun bi hsiebu jdum minhabba dawn ir-ragunijiet medici, u jipproduci u jibghat fil-Ghassa tal-Pulizija tar-Rabat, Ghawdex, certifikat mediku li jattesta tali bzonn mhux aktar tard minn tnax-il siegha**

**wara li jkun hekk hareg minhabba dak il-bzonn mediku;**

**iv. li jikkonsenja l-passaport u kull "travel document" iehor li jista' jinsab fil-pussess tieghu, inkluza l-karta ta' l-identita`, lill-Ispettur tal-Pulizija Graziella Muscat, u li ma jhallix jew jipprova jhalli dawn il-Gzejjer; kif ukoll li ma jitlax jew jipprova jitla' fuq ebda dghajsa, lanca, *yacht*, vapur jew mezz iehor ta' trasport bil-bahar, ikun ta' liema xorta jkun;**

**v. li f'ebda hin u taht ebda cirkustanza ma ghandu jkun f'distanza ta' anqas minn mitejn metru mix-xatt tal-bahar f'xi lokalità tal-Gzejjer ta' Malta (inkluza ghalhekk Ghawdex);**

**vi. li jaghmel tajjeb ghal dawn il-kundizzjonijiet kif ukoll ghal dak kollu li tghid u trid il-ligi fl-Artikolu 579 tal-Kodici Kriminali billi jiddepozita taht l-awtorita` ta' din il-Qorti u bhala garanzija s-somma ta' disghat elef euro (Euro 9,000);**

**fil-konfront ta' <u>Peter Paul Debono</u>:**

**i. li l-imsemmi Peter Paul Debono jidher u joqghod ghal kull ordni ta' din il-Qorti jew ta' kwalsiasi Qorti ohra li quddiemha jkun jinsab il-process jew xi kwistjoni li tohrog mill-process jew li hi marbuta mieghu;**

**ii. li ma jikkomunikax jew jipprova jikkomunika b'ebda mod, la direttament u anqas indirettament jew tramite terzi, u anqas bit-telefon jew b'xi mezz iehor, max-xhieda tal-prosekuzzjoni jew ma' membri tal-familja tal-allegata vittma f'dan il-kaz;**

**iii. li jirrisjedi fl-indirizz minnu moghti fl-interrogatorju fil-bidu ta' l-Istruttorja u cioe` 43 Bellview, Triq l-Arcipriet Saver Cassar, Nadur, Ghawdex, u li ma johrogx minn din ir-residenza hlief biex jattendi l-Qorti jew ghal ragunijiet medici – fil-kaz**

**ta' ragunijiet medici huwa ghandu dejjem, qabel ma johrog, jinforma lill-Ispettur Graziella Muscat jew ufficjal iehor tal-pulizija li ma jkunx ta' grad anqas minn Spettur, fejn ikun sejjer u kemm ikun bi hsiebu jdum minhabba dawn ir-ragunijiet medici, u jipproduci u jibghat fil-Ghassa tal-Pulizija tar-Rabat, Ghawdex, certifikat mediku li jattesta tali bzonn mhux aktar tard minn tnax-il siegha wara li jkun hekk hareg minhabba dak il-bzonn mediku;**

**iv. li jikkonsenja l-passaport u kull "travel document" iehor li jista' jinsab fil-pussess tieghu, inkluza l-karta ta' l-identita`, lill-Ispettur tal-Pulizija Graziella Muscat, u li ma jhallix jew jipprova jhalli dawn il-Gzejjer; kif ukoll li ma jitlax jew jipprova jitla' fuq ebda dghajsa, lanca, *yacht*, vapur jew mezz iehor ta' trasport bil-bahar, ikun ta' liema xorta jkun;**

**v. li f'ebda hin u taht ebda cirkustanza ma ghandu jkun f'distanza ta' anqas minn mitejn metru mix-xatt tal-bahar f'xi lokalità tal-Gzejjer ta' Malta (inkluza ghalhekk Ghawdex);**

**vi. li jaghmel tajjeb ghal dawn il-kundizzjonijiet kif ukoll ghal dak kollu li tghid u trid il-ligi fl-Artikolu 579 tal-Kodici Kriminali billi jiddepozita taht l-awtorita` ta' din il-Qorti u bhala garanzija s-somma ta' disghat elef euro (Euro 9,000);**

**fil-konfront ta' <u>Peter Paul Said</u>:**

**i. li l-imsemmi Peter Paul Said jidher u joqghod ghal kull ordni ta' din il-Qorti jew ta' kwalsiasi Qorti ohra li quddiemha jkun jinsab il-process jew xi kwistjoni li tohrog mill-process jew li hi marbuta mieghu;**

**ii. li ma jikkomunikax jew jipprova jikkomunika b'ebda mod, la direttament u anqas indirettament jew tramite terzi, u anqas bit-telefon jew b'xi mezz iehor, max-xhieda tal-prosekuzzjoni jew ma' membri tal-familja tal-allegata vittma f'dan il-kaz;**

**iii. li jirrisjedi fl-indirizz minnu moghti fl-interrogatorju fil-bidu ta' l-Istruttorja u cioe` Mayflower, Triq l-Isqof M.F. Buttigieg, Nadur, Ghawdex, u li ma johrogx minn din ir-residenza hlief biex jattendi l-Qorti jew ghal ragunijiet medici – fil-kaz ta' ragunijiet medici huwa ghandu dejjem, qabel ma johrog, jinforma lill-Ispettur Graziella Muscat jew ufficjal iehor tal-pulizija li ma jkunx ta' grad anqas minn Spettur, fejn ikun sejjer u kemm ikun bi hsiebu jdum minhabba dawn ir-ragunijiet medici, u jipproduci u jibghat fil-Ghassa tal-Pulizija tar-Rabat, Ghawdex, certifikat mediku li jattesta tali bzonn mhux aktar tard minn tnax-il siegha wara li jkun hekk hareg minhabba dak il-bzonn mediku;**

**iv. li jikkonsenja l-passaport u kull "travel document" iehor li jista' jinsab fil-pussess tieghu, inkluza l-karta ta' l-identita`, lill-Ispettur tal-Pulizija Graziella Muscat, u li ma jhallix jew jipprova jhalli dawn il-Gzejjer; kif ukoll li ma jitlax jew jipprova jitla' fuq ebda dghajsa, lanca, *yacht*, vapur jew mezz iehor ta' trasport bil-bahar, ikun ta' liema xorta jkun;**

**v. li f'ebda hin u taht ebda cirkustanza ma ghandu jkun f'distanza ta' anqas minn mitejn metru mix-xatt tal-bahar f'xi lokalità tal-Gzejjer ta' Malta (inkluza ghalhekk Ghawdex);**

**vi. li jaghmel tajjeb ghal dawn il-kundizzjonijiet kif ukoll ghal dak kollu li tghid u trid il-ligi fl-Artikolu 579 tal-Kodici Kriminali billi jiddepozita taht l-awtorita` ta' din il-Qorti u bhala garanzija s-somma ta' tlieta u ghoxrin elef euro (Euro 23,000);**

**u fil-konfront ta' Josef Said:**

**i. li l-imsemmi Josef Said jidher u joqghod ghal kull ordni ta' din il-Qorti jew ta' kwalsiasi Qorti ohra li quddiemha jkun jinsab il-process jew xi kwistjoni li tohrog mill-process jew li hi marbuta mieghu;**

**ii. li ma jikkomunikax jew jipprova jikkomunika b'ebda mod, la direttament u anqas indirettament jew tramite terzi, u anqas bit-telefon jew b'xi mezz iehor, max-xhieda tal-prosekuzzjoni jew ma' membri tal-familja tal-allegata vittma f'dan il-kaz;**

**iii. li jirrisjedi fl-indirizz minnu moghti fl-interrogatorju fil-bidu ta' l-Istruttorja u cioe` Rosmar Court, Flat 2, Triq iz-Zerniq, Nadur, Ghawdex, u li ma johrogx minn din ir-residenza hlief biex jattendi l-Qorti jew ghal ragunijiet medici – fil-kaz ta' ragunijiet medici huwa ghandu dejjem, qabel ma johrog, jinforma lill-Ispettur Graziella Muscat jew ufficjal iehor tal-pulizija li ma jkunx ta' grad anqas minn Spettur, fejn ikun sejjer u kemm ikun bi hsiebu jdum minhabba dawn ir-ragunijiet medici, u jipproduci u jibghat fil-Ghassa tal-Pulizija tar-Rabat, Ghawdex, certifikat mediku li jattesta tali bzonn mhux aktar tard minn tnax-il siegha wara li jkun hekk hareg minhabba dak il-bzonn mediku;**

**iv. li jikkonsenja l-passaport u kull "travel document" iehor li jista' jinsab fil-pussess tieghu, inkluza l-karta ta' l-identita`, lill-Ispettur tal-Pulizija Graziella Muscat, u li ma jhallix jew jipprova jhalli dawn il-Gzejjer; kif ukoll li ma jitlax jew jipprova jitla' fuq ebda dghajsa, lanca, *yacht*, vapur jew mezz iehor ta' trasport bil-bahar, ikun ta' liema xorta jkun;**

**v. li f'ebda hin u taht ebda cirkustanza ma ghandu jkun f'distanza ta' anqas minn mitejn metru mix-xatt tal-bahar f'xi lokalità tal-Gzejjer ta' Malta (inkluza ghalhekk Ghawdex);**

**vi. li jaghmel tajjeb ghal dawn il-kundizzjonijiet kif ukoll ghal dak kollu li tghid u trid il-ligi fl-Artikolu 579 tal-Kodici Kriminali billi jiddepozita taht l-awtorita` ta' din il-Qorti u bhala garanzija s-somma ta' tlieta u ghoxrin elef euro (Euro 23,000)**

Sakemm l-erba' imputati jikkonformaw ruhhom ma' dawn il-kundizzjonijiet kollha huma ghandhom jibqghu taht arrest preventiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------